DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 181442** **25.06.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jirċievi żjara ta' korteżija mill-Alternattiva Demokratika***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia ltaqa' ma' delegazzjoni mill-Alternattiva Demokratika mmexxija miċ-*Chairperson* Carmel Cacopardo.

L-Ispeaker esprima sodisfazzjoni li għall-ewwel darba kien qed jilqa' b'mod uffiċjali lit-tmexxija u lill-membri tal-Alternattiva Demokratika ġewwa l-Parlament. Filwaqt li rringrazzja lill-Ispeaker Farrugia, Carmel Cacopardo qal li xtaq juri l-apprezzament għax-xogħol li sar mill-Uffiċċju tal-Ispeaker bi tħejjija għall-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika u indika x-xewqa tiegħu li dan l-Att ma jdumx ma jidħol fis-seħħ.

Fost il-materji li ġew diskussi kien hemm il-bżonn li jiġu implimentati miżuri li jsaħħu l-kontabilità, ir-rapporti li ġew ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-GRECO fir-rigward, id-dritt taċ-ċittadin li jippreżenta petizzjoni direttament lill-Parlament, ir-regolamentazzjoni tal-*lobbying*, ix-xandir parlamentari u x-xhieda li jissejħu biex jidhru quddiem kumitati parlamentari, liema materja saret referenza għaliha fl-aħħar diskors tas-Sette Giugno. Waqt id-diskussjonijiet, Cacopardo ħa l-okkażjoni biex jitlob li f'okkażjoni bħal dik tas-Sette Giugno, l-Alternattiva Demokratika tiġi mistiedna tattendi.

Waqt din il-laqgħa l-Ispeaker kien akkumpanjat mill-Iskrivan tal-Kamra, filwaqt li Cacopardo kien akkumpanjat minn Luke Caruana, James Gabarretta, u Anna Azzopardi.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt